BIRGU

Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

## Minuti tal-laqgħa 39 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 39 (06) nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru, 2014 fil-4.30 (fl-erbgħa u nofs) ta' wara nofsinhar fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berġa ta' Franza.

Id-Disgħa u Tletin (39) Laqgħa tas-Sitt Kunsill inżammet b'din l-Agenda:-

1. Qari u Approvazzjoni tal-minuti
2. Korrispondenza
3. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
4. Bini tat-Torri tal-Arlogg fil-Pjazza
5. Tagħrif dwar manutenzjonijiet fil-Berġa ta' Franza
6. Proġetti tal-Unjoni Ewropeja
7. Birgufest 2014
8. Ħwejjeġ Oħra

**Prezenti**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Viċi Sindku is-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard.

Il-Kunsillier s-Sur Anton Gellel attenda fil-4.45pm

Il-Kunsillier is-Sur Alan Cassar kien skużat.

Is-Sinjorina Fiona Said, Segretarju Eżekuttiv.

**Talba**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

**Bidu tal-Laqgha**

1. Qari u Approvvazzjoni tal-Minuti

1.1 Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-minuti tal-Laqgha Numru 36(06).

**F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Kunsillier is-Sur Anton Gellel**

1.1.1 Rigward materja numru 1.1.3 is-Sindku s-Sur John Boxall informal lill-Kunsill li sa Dicembru 2014 ghandhom jitlestew Triq Desain u Triq il-Kardinal.

1.1.2 Rigward meterja numru 2.2.2 is-Sindku s-Sur John Boxall gibed l-attenzjoni dwar iparkjar illegali ta' vetturi tal-Kunmpanija Rolling Geeks fil-pjazza. Il-Kunsill qabel li din il-kumpanija ghandha tigi nfurmata permezz ta' korripondenza sabiex il-vetturi taghhom ma jithallewx ipparkjati fil-pjazza.

*F'dan l-istadju tal-Laqgha is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li tigi diskussa Materja Numru 4 fl-Agenda. Din il-proposta giet issekondata mill-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi. Dwar dan kien hemm qbil.*

4. Bini tat-Torri tal-Arlogg fil-Pjazza

4.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjonii dwar din il-materja fejn spjega li wara laqgha li saret mad-Direttur tal-Kumpanija *Alfred Mizzi and Sons*, urew ix-xewqa li jsir monument fil-Birgu u gie proponut il-bini mill-gdid tat-Torri tal-Arlogg fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa.

4.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall kompla billi qal li il-kumpanija talbet il-costings li kienu jammontaw is-somma ta' €320,000 kif ukoll il-*Bill of Quantaties* li ghandha tintbaghat mis-Sur Ray Farrugia, Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Bini u l-Inginerija fit-Taqsima tax-Xoghlijiet.

4.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li l-imsemmija kumpanija ser tkun qed tiffinanzja is-somma ta' €120,000 ghal dan il-progett. Il-Kumplament tal-fondi jistghu jigu minn entitajiet ohra governattiviu dawk privati. Intweriet ix-xewqa lid an l-progett jitlesta sa Settembru 2015.

4.4 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi staqsa dwar il-permessi tal-MEPA relatati mal-bini ta' dan l-arlogg u s-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet mal-MEPA kienu bdew izda waqfu u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jiccekja x'permessi ghad fadal li jsiru.

4.5 Il-Vici-Sindku s-Sur Trevor Mizzi staqsa dwar ir-responsabilita tat-Torri tal-Arlogg wara li jsir il-bini tieghu, u s-Sindku wiegeb li wara l-bini t-torri se jkun kollu fir-responsabilita tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

4.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall kompla billi qal li jekk dan it-torri jinbena ser isir ezatt kif kien qabel ma ggaraf.

4.7 Wara d-diskussjoni fuq dan il-progett, is-Sindku s-Sur John Boxall ppropona li jsir il-bini tat-Torri tal-Arlogg fil-Pjazza Belt Vittoriosa skond kif pjanat mill-Kumpanija Alfred Mizzi and Sons. Din il-proposta giet approvata unanimament.

4.8 Is-Sindku propona ukoll li jsir kumitat sabiex jibdew dawn ix-xoghlijiet u qal li dan jekk jitlesta kif pjanat ghandu jkun il-monument li jigi inawgurat f'gheluq l-450sena mill-Assedju l-Kbir.

*F'dan l-istadju tal-Laqgha is-Sindku s-Sur John Boxall kompla b'Materja Numru 1 fl-Agenda: Appprovazzjoni tal-minuti.*

1.1.3 Rigward materja numru 2.8 is-Sindku s-Sur John Boxall informa lil Kunsill li parti mill-progett Decide saret konferenza fi Slovenja li ghaliha attendiet l-iskrivana Moira Azzopardi. Is-Sindku nforma ukoll lill-Kunsill li fil-Konferenza ta' Cisternino ser jattendu s-Sindku s-Sur John Boxall flimkien mal-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi u is-Sinjura Moira Azzopardi.

1.1.4 Rigward materja numru 2.14, is-Sindku tkellem dwar il-Kuntratt tal-gbir ta' skart riciklat tal-Green MT fejn is-Sindku propona li ghandha issir laqgha ma' rapprezentanti tal-Green MT sabiex jigu ccarati xi punti qabel dan il-kuntratt jigi mgedded. Il-Vici-Sindku is-Sur Trevor Mizzi ssekonda din il-proposta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.1.5 Rigward materja Numru 4.3 is-Sindku s-Sur John Boxall pprezenta korrispondenza minghand l-iskrivana is-Sinjura Moira Azzopardi dwar il-performance bonus tas-sena 2013 li kien gie deciz f'laqgha tal-Kunsill li jinghata l-ammont ta' 5% lis-Sinjura Moira Azzopardi u dan sabiex ma jinhloqx precedent u tinghata l-massimu. Is-Sinjura Moira Azzopardi spjegat fl-ittra taghha li is-snin 2011 u 2012 hija inghatat 6% u talbet lill-Kunsill sabiex jirrevoka d-decizjoni li ha. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li tintlaqa din it-talba. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier s-Sur Anton Gellel. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Moira Azzopardi tinghata 6% performance bonus ghas-sena 2013.

1.1.6 Rigward materja Numru 5 li titratta Jum il-Birgu 2014, il-Kunsill qabel li kollox mar tajjeb u kienet wahda mill-ahjar attivita ta' Jum il-Birgu li qatt saret matul is-snin. Il-Kunsillier is-Sur Alan Cassar informa lill-Kunsill li ser ikun qieghed jitlob kwotazzjoni sabiex isir id-DVD u li ser ikun qed jintbaghat lir-residenti kollha. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa ukoll li dan il-film ser ikun qed jintuza fil-progett tal-Oralities.

*F'dan l-istadju tal-Laqgha is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li tigi diskussa Materja Numru 7 fl-Agenda. Din il-proposta giet issekondata mill-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi. Dwar dan kien hemm qbil.*

**7. Birgufest 2014**

7.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ta rendikont tad-donazzjonijiet li ngabru s'issa ghall-Birgufest 2014 fejn s'issa ingabret is-somma ta' €18,525 sabiex jiffinanzjaw l-ispejjez involuti ghal din l-attivita'. Is-Sindku s-Sur John Boxall kompla billi qal li biex niffinanzjaw lispejjez kollha il-Kunsill ghandu bzonn madwar 12,000 ohra f'donazzjonijiet.

7.2 Is-Sindku is-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li ghada ser issir laqgha ma dawk il-persuni ta' l-Artigjanat li se jarmaw f'Couvre Porte fejn apparti f'Couvre Porte ser jigu allokati ukoll fi Triq Desain u Triq il-Kardinal.

7.3 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi informa lill-Kunsill li l-Agenzija Zghazagh se tkun qed tipprovdi l-flokkiijiet sabiex jitqassmu lill-volontiera fl-attivita tal-Gimgha filghodu.

7.4 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li s-Sindku ta' St.Tropez ikkonferma l-vizita tieghu flimkien ma 6 delegati ohra filwaqt li rigward id-Delegazzjoni ta' Amalfi is-Sindku nforma lill-Kunsill li ma rcieva l-ebda korrispondenza s'issa rigward iz-zjara ta' din id-delegazzjoni.

*F'dan l-istadju tal-Laqgha is-Sindku s-Sur John Boxall kompla b'Materja Numru 1 fl-Agenda: Appprovazzjoni tal-minuti.*

1.1.7 Rigward materja numru 7, is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li dwar il-progett li ser isir ghall-anzjani fil-Berga ta' l-Ingilterra il-Kunsill fil-laqgha precedenti kien iddiskuta din il-materja. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel insista li l-progett ghall-anzjani fil-Berga tal-Ingilterra mhuwiex addatat minhabba l-accessibilita u sostna li il-Youth Centre huwa iktar addatat fejn dan il-post huwa tal-Gvern izda mikri lill-Knisja.

- Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li bhala Kunsill kien ippropona li d-Day Centre isir fejn kien hem mil-Youth Centre izda min-naha tas-Segretarjat Parlamentari din l-ghajnuna biex isir dan il-progett ma setghetx tinghata jekk dan il-progett isir fi propjeta mikrija lill-terzi persuni.
- Is-Sindku s-Sur John Boxall ziet jghid li dwar l-accessibilita fil-Berga tal-Ingilterra diga hemm il-pjanjiet mehtiega biex din il-binja ssir accessibli ghal kulhadd.
- Is-Sindku s-Sur John Boxall qal ukoll li dan il-progett ser ikun l-ewwel wiehed ta din ix-xorta fil-gzejjer maltin.
- Wara din id-diskussjoni is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni ta' dan il-progett. Il-Kunsill approva b'mod unanimu li jsir dan il-progett.

1.1.8 Rigward materja numru 8.3 is-Sindku s-Sur John Boxall tkellem dwar l-*in-mates* li bhalissa il-Kunsill ghandu assenjati mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li gie avvicinat sabiex dawn l-*in-mates* jippartecipaw ukoll fil-progett LEAP iffinanzjat mill-Fondi Ewropej. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li f'dan il-progett ma jippartecipawx minhabba li f'dan il-progett hemm diga persuni mill-lokal assenjati mal-Kunsill mill-ETC taht l-iskema 'Xoghol fil-Komunita' u li qed jaghtu servizz tajjeb hafna, u ser ikunu huma li jippartecipaw f'dan il-progett.

1.1.9 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti 36(06). Il-Kunsill approva unanimament.

1.1.10 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ukoll ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-Laqgha Numru 37 (06) wara li gew ikkunsidrati bhala moqrija. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti tas-37 Laqgha tas-sitt Kunsill.

1.1.11 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-appovazzjoni tal-Kunsill il-Minuti Numru 38(06) wara li gew ikkunsidrati bhala moqrija. Il-minuti tat-38 Laqgha tas-sitt Kunsill gew approvati unanimament.

3. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

3.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Iskeda ta' Pagamenti tac-cekkijiet Numru 2078 sa 2120. Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti iddatata 20 ta' Awwissu 2014 sa 29 ta' Settembru 2014

Il-kontinwazzjoni tal-Laqgha giet aggornata ghall-Hamis 2 ta' Ottubru 2014 fl-4.30pm

Il-laqgha spiccat fis-7.00 ta' filghaxija.

Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

ikkonfermati John Boxall
Sindku